MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Numru. 1373/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**- omissis -**

**- omissis -**

**- omissis -**

**Angus Camenzuli**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Angus Camenzuli detentur tal-karta tal-identita` numru 80096(M).

Akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer fl-4 ta’ Jannar 2011 ghal habta tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija (05:30pm) minn Triq Vjal ir-Rihan, San Gwann u/jew fil-vicinanzi, ikkommetta serq ta’ Euro 60 fi flus kontanti, mobile phone tal-ghamla Samsung, IPod, wallett u Zippo ghad-dannu ta’ Adam Cacciattolo u mobile phone u Euro 10 ghad-dannu ta’ Mark Patrick Zammit liema serq huwa aggravat bil-‘valur’ (aktar minn Euros 232.56 izda mhux aktar minn Euros 2325.58) ghad-dannu ta’ Adam Cacciottolo u Mark Patrick Zammit rispettivament.
2. – omissis –
3. – omissis –
4. – omissis –
5. – omissis –

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Rat l-eżami tal-imputat li wiegeb mhux ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali li bih dawn il-poċeduri ġew trattati minn din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat illi dawn il-proċeduri huma proċeduri ta' serq fuq xi oggetti li nsterqu minn ġewwa basket ġewwa "ground" tal-futboll f'San Ġwann minn tliet Ġuvintur li diġa' ammettew l-akkużi kif dedotti kontrihom iżda wkoll allegatament mill-imputat Angus Camenzuli.

Rat l-istqarrija tal-imputat li ma wieġeb xejn għad-domandi mistoqsija lilu.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-parte ċivile **Adam Cacciattolo** a fol tmienja u tletin (38) tal-proċess fejn huwa xehed illi f'Jannar tal-elfejn u ħdax huwa kien qed jilgħab il-futboll f'San Ġwann meta lemah erba' guvintur jghattu il-basket tieghu u nduna li dawn kienu qeghdin jiehdu xi haga minnu. Huwa jghid li gera warajhom u qabad wiehed minnhom, li identifikah bhala Ryan Bugeja, u qallu biex ituh lura l-affarijiet li kienu hadulu. Huwa jixhed li f'dan il-basket kellu Ipod abjad, telefon cellulari tal-marka Samsung, Zippo u kartiera b-sittin Ewro (EUR 60) fiha. Ryan Bugeja qallu fejn kienu l-ohrajn u marru hdejhom go garaxx fejn sab lit-tlieta l-ohra fosthom lill-imputat Angus Camenzuli. Ix-xhud gharaf lill-imputati kollha li kienu hemmhekk dak in-nhar. Huwa jghid illi gie rritornat kollox apparti il-flus.

Semghet ix-xhieda tal-ko-akkużati l-oħra wara li l-proċeduri ġew *res ġudikata* fejn dawn kollha ikkonfermaw illi Angus Camenzuli kien partecipi maghhom meta huma ddecidew illi jiehdu l-affarijiet tal-parte civile dak in-nhar. Fil-fatt **Anthony Bugeja** jghid illi huwa u Angus marru u haduh il-basket. **Ryan Bugeja** jghid illi wara li tnejn minnhom hadu l-basket telqu jigru u mbaghad qasmu kollox fil-garaxx fejn sabhom il-parte civile.

Semghet ix-xhieda tal-imputat **Angus Camenzuli** illi xehed illi vera illi kien mar il-"ground" mat-tliet guvintur l-ohra imma meta dawn hadu il-basket huwa kien qed jilghab futboll man-nies li kienu gol-"ground". Huwa jghid illi huma kienu marru l-"ground" sabiex jilghabu izda ghal xi raguni dawn ma riedux jilghabu. Huwa jghid illi wara l-incident huwa baqa' sejjer id-dar tieghu sakemm ma' baghat ghalih l-Ispettur.

Semghet il-kontro-ezamijiet kollha minn naha tad-difiza.

Ikkunsudrat illi mill-provi prodotti sija mill-parte civile Adam Cacciattolo, kif ukoll mix-xhieda ta' shab l-imputat li kienu mieghu dak in-nhar tar-reat, kollox jindika illi l-imputat Angus Camenzuli kien maghhom kif ukoll kien kompartecipi maghhom ukoll. Fil-fatt l-istess parte civile jghid illi Angus kien

gol-garaxx maghhom meta dawn kienu qeghdin jaqsmu l-affarijiet. Il-parte civile ukoll xehed illi dan kien rah hdejn il-basket ezatt qabel ma haduh.

Li kieku il-verzjoni tal-imputat hija kredibbli huwa l-anqas biss jipprova jiggustifika ghaliex l-ohrajn ma riedux jilghabu u ma min imbaghad mar jilghab. Ghaldaqstant l-imputat ma rnexxielux inissel l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti illi huwa ma kienx partecipi f'dan ir-reat.

Madanakollu, u tenut kont tal-fatt l-eta' tal-imputat kif ukoll li l-fedina penali tieghu hija wahda netta, mhix ser tigi mposta fuqu xi piena ezorbitanti.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li rat l-Artikolu 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Angus Camenzuli** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2).

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------